REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 753/2008

tal-31 ta' Lulju 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1299/2007 dwar ir-rikonoxximent ta' gruppi tal-produtturi fis-settur tal-ħops

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 ([1]) li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS), u b'mod partikolari l-Artikolu 127 flimkien ma' l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1952/2005 tat-23 ta' Novembru 2005 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħops ([2]) għandu jitħassar mill-1 ta' Lulju 2008 skond l-Artikolu 201(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS).

(2) Ċerti dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1952/2005 marbuta mal-gruppi tal-produtturi ma ġewx inkorporati fir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS. Sabiex is-settur tal-ħops ikun jista' jibqa' jiffunzjona kif suppost, jeħtieġ li jiġu stipulati dawk id-dispożizzjonijiet fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1299/2007 tas-6 ta' Novembru 2007 dwar ir-rikonoxximent ta' gruppi tal-produtturi fis-settur tal-ħops ([3]).

(3) Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS jistipula fl-Artikolu 122 l-kundizzjonijiet ġenerali għar-rikonoxximent ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi mill-Istati Membri. Il-kundizzjonijiet għandhom jiġu speċifikati għas-settur tal-ħops. Għall-konsistenza, it-terminu "gruppi tal-produtturi" għandu jibqa' jintuża f'dak is-settur.

(4) Sabiex tiġi evitata kull diskriminazzjoni bejn il-produtturi u biex tiġi żgurata l-unità u l-effettività ta' kull azzjoni meħuda, għandhom jiġu stipulati kundizzjonijiet, għall-Komunità kollha, li jridu jikkonformaw magħhom il-gruppi tal-produtturi biex jikkwalifikaw għall-għarfien mill-Istati Membri, Sabiex tinkiseb ċentralizzazzjoni effettiva tal-provvista, jeħtieġ partikolament li l-gruppi jkunu ta' daqs ekonomikament vijabbli u li l-produzzjoni kollha tal-produtturi titqiegħed fis-suq direttament jew mill-grupp jew mill-produtturi, skond regoli komuni.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1299/2007 għandu jiġi emendat skond dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1299/2007 jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

1. L-awtorità kompetenti li tirrikonoxxi l-organizzazzjonijiet tal-produtturi kif ipprovdut fl-Artikolu 122 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 234/2007 (*), minn hawn 'il quddiem "gruppi tal-produtturi", għandha tkun l-Istat Membri li fi ħdan it-territorju tiegħu il-grupp tal-produtturi jkollu l-uffiċju rreġistrat.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-gruppi tal-produtturi li jitolbu r-rikonoxximent u li jwettqu l-kundizzjonijiet ġenerali li ġejjin:

(a) ikollhom il-personalità ġuridika jew kapaċità ġuridika biżżejjed biex ikun soġġetti, skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali, għad-drittijiet u l-obbligi;

(b) japplikaw regoli komuni għall-produzzjoni u l-ewwel stadju tat-tqegħid fi-suq skond it-tifsira tat-tieni subparagrafu;

(c) l-istatuti tagħhom jinkludu obbligu għall-produtturi li huma membri ta' gruppi biex:

(i) jimxu mar-regoli komuni dwar il-produzzjoni u d-deċiżjonijiet dwar il-varjetajiet li jridu jitkabbru,

(ii) iqiegħdu fis-suq il-prodott kollu tagħhom permezz tal-grupp;

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).
([2]) ĠU L 314, 30.11.2005, p. 1.
([3]) ĠU L 289, 7.11.2007, p. 4.

(d) jagħtu prova ta' attività ekonomikament vijabbli;

(e) jeskludu mill-qasam ta' l-attività tagħhom kull diskriminazzjoni bejn il-produtturi tal-Komunità jew gruppi skond, b'mod partikolari, in-nazzjonalità jew il-post fejn huma stabbiliti;

(f) jiggarantixxu lill-produtturi kollha li jiddeċiedu li jħarsu l-istatuti, mingħajr diskriminazzjoni, id-dritt li jkunu parti minn grupp;

(g) l-istatuti tagħhom jinkludu dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-membri ta' grupp li jixtiequ jċedu s-sħubija tagħhom jistgħu jagħmlu hekk wara li jkunu ilhom membri għal tliet snin u sakemm jgħarrfu lill-grupp bil-ħsieb tagħhom mill-inqas sena qabel jitilqu, bla ħsara għal-liġijiet jew ir-regolamenti nazzjonali mfassla biex iħarsu, f'każijiet speċifiċi, il-grupp jew il-krediturі tiegħu mill-konsegwenzi finanzjarji li jistgħu jinqalgħu meta membru jitlaq, jew li jżommu lil membru milli jitlaq waqt is-sena finanzjarja;

(h) jinkludu fl-istatuti tagħhom l-obbligu li jżommu kontijiet separati għall-attivitajiet li għalihom kienu rikonoxxuti;

(i) ma jokkupawx pożizzjoni dominanti fil-Komunità.

L-ewwel stadju ta' tqegħid fis-suq tfisser il-bejgħ tal-ħops mill-produttur innifsu jew, fil-każ tal-grupp tal-produtturi, il-bejgħ tal-ħops mill-membri tiegħu lin-negozjant bl-ingrossa jew lill-industriji utenti.

3. L-obbligu pprovdut fil-paragrafu 2(c) m'għandux japplika għal prodotti koperti minn kuntratti ta' bejgħ konklużi mill-produtturi qabel ma ssieħbu mal-grupp tal-produtturi, sakemm dan ta' l-aħħar jiġi mgħarraf dwar u approva tali kuntratti.

4. B'derogra mill-paragrafu 2(c)(ii), meta grupp tal-produtturi jawtorizza hekk u skond il-kundizzjonijiet li jistipula, il-membri tal-grupp tal-produtturi jistgħu:

(a) jibdlu l-obbligu li jkollhom il-produzzjoni kollha mqiegħda mis-suq mill-grupp tal-produtturi pprovdut fil-paragrafu 2(c)(ii) bl-obbligu li t-tqegħid fis-suq sisir skond regoli komuni inkorporati fl-istatuti, sabiex jiġi żgurat li l-grupp ta' produtturi jkollu d-dritt jimmonitorja prezzijiet tal-bejgħ, li jrid japprova, u jekk jonqos milli jagħmel dan il-grupp ikollu jixtri lura l-ħops ikkonċernati bi prezz ogħla;

(b) iqiegħdu fis-suq, permess ta' l-uffiċċji ta' grupp ieħor ta' produtturi magħżul mill-grupp tagħhom stess, prodotti li minħabba l-karatteristiċi tagħhom m'humiex neċessarjament koperti bl-attivitajiet kummerċjali ta' dan l-aħħar.

5. Ir-regoli komuni msemmija fil-paragrafu 2, punti (b) u (c)(i) għandhom jiġu stabbiliti bil-miktub. Dawn ir-regoli għandhom jinkludu għall-inqas:

(a) fejn tidħol il-produzzjoni:

(i) dispożizzjonijiet dwar l-użu ta' varjetà speċifikata jew aktar meta l-mixtliet jiġġeddu jew meta jinħolqu l-ġodda;

(ii) dispożizzjonijiet dwar il-konformità ma' ċerti metodi ta' tkabbir u protezzjoni tal-pjanti,

(iii) dispożizzjonijiet dwar il-ħsad, it-tnixxif u, fejn xieraq, it-tħejjija għat-tqegħid fis-suq;

(b) fejn jidħol it-tqegħid fis-suq, speċjalment fejn għandhom x'jaqsmu l-konċentrazzjoni u l-kondizzjonijiet tal-provvista:

(i) disposizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-bejgħ mill-grupp,

(ii) dispożizzjonijiet marbuta mal-kwantitajiet li l-produtturi huma awtorizzati jbigħu huma stess u r-regoli li jirregolaw dak il-bejgħ,

(*) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1."

(2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. B'konformità mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1234/2007, Stat Membru jista' jiġi awtorizzat, fuq talba, jagħraf grupp li żżoni reġistrati tiegħu jinkludu anqas minn 60 ettaru, jekk izzoni jinsabu f'reġjun ta' produzzjoni magħruf li kopri anqas minn 100 ettaru"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 31 ta' Lulju 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni